**QORTI ĊIVILI**
**PRIM'AWLA**

**ONOR. IMĦALLEF**
**ROBERT G. MANGION**

**SEDUTA TAL-5 TA' MARZU, 2020**

**Kawża Numru: 6**

**Rik. Nru. 993/2016 RGM**

**Bay Investments Limited**
**(C 25298)**

**vs.**

**Il-Kummissarju tat-Taxxi**

## Il-Qorti:

Rat ir-**rikors tas-soċjetà attriċi Bay Investments Limited** ppreżentat fl-1 ta' Novembru, 2016 li permezz tiegħu ippremettiet u talbet is-segwenti:

ILLI, permezz ta' ittra ufficjali ta' nhar l-4 ta' Dicembru 2015 (**DOK: A**) - ossija ittra ufficjali numru 4049/15 - il-Kummissarju tat-Taxxi interpella lill-kumpannija esponenti sabiex, fi zmien jumejn min-notifika tal-imsemmija ittra ufficjali, hija thallas is-somma ta' mija u wiehed u erbghin elf tmien mija u hmistax-il Ewro u erbgha centezmi

(€141,815.04) rapprezentanti somma dovuta lill-istess Kummissarju tat-Taxxi bhala Taxxa fuq il-Valur Mizjud;

ILLI, fl-istess imsemmija ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi wissa lill-kumpannija esponenti illi dik l-interpellanza kienet qed issir ghall-finijiet u l-effetti kollha tal-ligi u partikolarment, izda mhux esklussivament, sabiex tirrendi ezegwibbli t-titolu ezekuttiv li ghandu l-istess Kummissarju tat-Taxxi, kontra l-kumpannija esponenti, permezz ta' Avviz li kien intbaght lill-istess kumpannija esponenti;

ILLI, permezz tal-istess ittra ufficjali, l-Kummissarju tat-Taxxi informa lill-kumpannija esponenti illi, jekk hija tonqos milli thallas l-ammont suriferit fi zmien lilha moghti, huwa kien ser jaghddi sabiex jezegwixxi l-imsemmi titolu ezekuttiv permezz tal-mandati opportuni;

ILLI, madanakollu, t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali suriferita hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt u dan, fost ohrajn, ghar-ragunijiet segwenti:

**I.** Il-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jsegwi d-disposizzjonijiet tal-Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud (Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta), u ghaldaqstant huwa ma ghandu l-ebda titolu ezekuttiv fil-konfront tal-kumpannija esponenti;

Kif inghad fis-sentenza fl-ismijiet **Aluminium Extrusions Limited u Raymond Borg Vs Direttur Generali (Taxxa Fuq il-Valur Mizjud)**, moghtija mill-Qorti ta' l-Appell (sede inferjuri) nhar is-27 t'April 2016, il-procedura li ghandha tigi segwita mill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jottjeni titolu ezekuttiv hija s-segwenti:

**i.** Fl-ewwel lok tinhareg **l-istima, li tigi notifikata lit-taxpayer** li mbaghad ikollu tletin (30) gurnata min-notifika tal-avviz sabiex jappella quddiem it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva;

**ii.** Fit-tieni lok hu biss fejn l-istima ma tigix kontestata fit-terminu kontemplat mil-ligi, jew wara d-decizjoni tat-Tribunal, li l-avviz hu titolu ezekuttiv. L-Artikolu 59(1) jipprovdi li l-avviz mahrug mill-appellat hu titolu ezekuttiv.

**iii.** Fit-tielet lok fejn il-hlas jibqa' ma jsirx, l-appellant jista' **jitlob il-hlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva permezz ta' nota ta' talba ghall-hlas**, u l-hlas ghandu jsir fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika lill-persuna li ghandha thallas (Artikolu 59(2)).

**iv.** Fir-raba' lok **jekk il-hlas jibqa' ma jsirx fi zmien tletin jum mid-data tan-notifika tan-nota ta' talba ghall-hlas, allura l-appellat jista' jghaddi ghall-ezekuzzjoni tat-titolu ezekuttiv wara li jkunu ghaddew jumejn min-notifika ta' att gudizzjarju lill-persuna kkoncernata fejn jitlobha thallas (Artikolu 59(2)).**

Ghaldaqstant, jispetta unikament lill-Kummissarju tat-Taxxi sabiex iressaq prova li turi b'mod car illi, qabel ma giet intavolata l-ittra ufficjali promutorja tieghu, huwa, effettivament, kien innotifka lill-kumpannija esponenti, bis-segwenti, ossija:

**A.** Bi stima ta' taxxa;

**B.** B'Avviz, skond l-Artikolu 59 (1) tal-Kapitolu 406;

**C.** B'nota ta' talba ghall-hlas, skond l-Artikolu 59 (2) tal-Kapitolu 406.

Ghal kuntrarju ta' dak illi wissa l-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, l-kumpannija esponenti qatt ma giet notifikata bid-dokumenti hawn fuq imsemmija, u ghalhekk it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 2015 hija manifestament intempestiva ghaliex il-Kummissarju tat-Taxxi ma jistax, f'dan il-waqt u sakemm ma jkunu saru l-proceduri kollha rikjesti mill-ligi, u sakemm ma jkunx ghadda z-

zmien kollu li trid il-ligi, jaghddi sabiex jigbor, minghand il-kumpannija l-esponenti, u permezz ta' atti ezekuttivi, l-ammont minnu reklamat.

**II.** Minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba kif dedotta fl-ittra ufficjali tal-4 ta' Dicembru 2015 hija intempestiva wkoll ghaliex il-kumpannija esponenti ghadha sallum tistenna risposta formali minghand il-Kummissarju tat-Taxxi ghall-applikazzjoni li l-istess kumpannija esponenti kienet ghamlet skond id-disposizzjonijiet tar-Regolamenti dwar Taxxa Fuq il-Valur Mizjud (Thassir ta' Mghax u Penali Amministrattivi inkorsi taht l-Att tal-1998 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, l-Att dwar it-Taxxa tad-Dwana u tas-Sisa u l-Atti tal-1994 dwar it-Taxxa fuq il-Valur Mizjud), ossija applikazzjoni taht l-Avviz Legali 456 tal-2011 kif emendat;

Ghalhekk, it-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi ghall-hlas tas-somma ta' €141,815.04, kif dedotta fl-ittra ufficjali promutorja tieghu, saret f'cirkostanzi fejn l-imghaxijiet u l-penali komprizi fl-istess imsemmi ammont ghadhom jistghu jitnaqqsu sa massimu ta' tmenin fil-mija (80%), u ghalhekk ma jaghmel l-ebda sens legali jew fattwali li l-Kummissarju tat-Taxxi jivvanta titolu ezekuttiv fuq fl-ammont intier f'dawn ic-cirkostanzi.

**III.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, kwalsiasi penali amministrattivi komprizi fl-ammont ta' €141,815.04 li qed jigi reklamat mill-Kummissarju tat-Taxxi, imposti minhabba hlasijiet bin-nieqes ta' taxxa fuq il-valur mizjud, m'humiex kontemplati fil-ligi - senjatament fid-disposizzjonijiet tal-Kapitolu 406 tal-Ligijiet ta' Malta, u fil-ligijiet sussidjarji relattivi - u konsegwentement l-istess Kummissarju tat-Taxxi ma jista' qatt jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier reklamat minnu ta' €141,815.04.

**IV.** ILLI, minghajr pregudizzju ghas-suespost, it-talba ghall-hlas tas-somma ta' €141,815.04, kif dedotta mill-Kummissarju tat-Taxxi fl-ittra ufficjali promutorja tieghu tal-4 ta' Dicembru 2015, hija totalment

infondata fil-fatt u fid-dritt, u dan kif ser jirrizulta ulterjorment waqt it-trattazzjoni ta' dan ir-rikors.

GHALDAQSTANT, u ghar-ragunijiet kollha hawn fuq premessi, il-kumpannija esponenti umilment titlob lil din l-Onorabbli Qorti sabiex, prevja kull dikjarazzjoni ulterjuri necessarja u opportuna, joghgobha tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra ufficjali tieghu tal-4 ta' Dicembru 2015 hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-kumpannija esponenti, u dan bl-ispejjez kontra tieghu.

Rat ir-**Risposta tal-Kummissarju tat-Taxxi** ppreżentata fid-29 ta' Novembru, 2016 fejn jingħad kif ġej:

1. Illi b'mod preliminari, r-rikors promotur huwa null u minghajr effett in kwantu m'huwa msejjes fuq l-ebda disposizzjoni tal-ligi. Ir-rikorrenti jridu jindikaw a bazi ta' liema Artikolu/i tal-ligi hija msejjsa din il-procedura u l-esponenti jirrizerva d-dritt li jressaq eccezzjonijiet ulterjuri f'dan ir-rigward;

2. Illi b'mod preliminari, u minghajr pregudizzju ghas-suespost, ir-rikors promotur huwa null in kwantu ma sarx fil-forma ta' rikors mahluf kif titlob il-ligi;

3. Illi wkoll b'mod preliminari u minghajr pregudizzju ghas-suespost, bid-dovut rispett din l-Onorabbli Qorti m'ghandhiex il-poter sabiex tissindika jew tindaga dwar l-ammont dovut lill-esponenti in kwantu tali ammont hu dovut bis-sahha ta' titolu ezekuttiv li l-esponenti gia ghandu fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406, filwaqt li l-ittra ufficjali in kwistjoni bin-numru 4049/15 hi intiza biss li tirrendi ezegwibbli l-istess titolu ezekuttiv li ghandu l-esponenti;

4. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost u wkoll b'mod preliminari, dejjem bid-dovut rispett, fi kwalunkwe kaz din l-Onorabbli Qorti mhix il-forum kompetenti sabiex tiddetermina jekk l-ammont pretiz huwiex dovut o meno in kwantu huwa biss it-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva li ghandu l-poter sabiex jiddetermina l-istess;

5. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, l-esponenti segwa u agixxa skont id-dettami tal-ligi u cioe' l-procedura kkontemplata fil-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta sabiex ottjena t-titolu ezekuttiv favur tieghu kif se jirrizulta waqt it-trattazzjoni tal-kawza;

6. Illi peress li s-socjeta' rikorrenti ma ssottomettietx id-denunzji mehtiega skont il-ligi, l-esponenti agixxa ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406 tal-Ligijiet ta' Malta u hareg stejjem fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti, li gew notifikati lill-istess socjeta' rikorrenti, kif se jirrizulta ulterjorment waqt is-smiegh tar-rikors;

7. Illi ai termini tal-Artikolu 43 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, *"Kull persuna li thoss ruhha aggravata bi stima li tigi notifikata lilha tista' taghmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal (tar-Revizjoni Amministrattiva)"*, pero' s-socjeta' rikorrenti ghazlet li ma taghmilx uzu mir-rimedju moghti fil-ligi u ma ntavolat l-ebda appell;

8. Illi ghalhekk kull kwistjoni rigwardanti l-istejjem mahruga taqa' fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva, u dejjem bid-dovut rispett, mhux ta' din l-Onorabbli Qorti, li ma tistax tissostitwixxi d-diskrezzjoni tat-Tribunal;

9. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, gia la darba ma saret l-ebda kontestazzjoni ghall-istejjem imsemmija fit-terminu moghti fil-ligi, ma tista' ssir l-ebda kontestazzjoni f'dan l-istadju dwar il-kreditu dovut lill-esponenti ai termini ta' l-istess stejjem;

10. Illi l-istejjem mibghuta lis-socjeta' rikorrenti ai termini tal-Artikolu 31 tal-Kap. 406 kif fuq inghad, jikkostitwixxu avviz u talba ghall-hlas ai termini tal-Artikolu 59 tal-Kap. 406 tal-ligijiet ta' Malta, u gia la darba ma saret l-ebda opposizzjoni ghall-istess da parte tas-socjeta' rikorrenti kif tippermetti l-ligi ghalhekk l-avviz in kwistjoni sar jikkostitwixxi titolu ezekuttiv ai termini tal-imsemmi Artikolu 59 tal-Kap. 406 li gie sussegwentement rez ezegwibbli permezz tal-ittri ufficjali in kwistjoni;

11. Illi ghalhekk, is-socjeta' rikorrenti kienet f'posizzjoni u kellha kull opportunita' li tikkontesta *a tempo vergine* l-istejjem u t-talba ghall-hlas mahruga fil-konfront taghha ai termini tal-Artikoli 31 u 59 tal-Kap. 406, pero' dan m'ghamlitux;

12. Illi ghalhekk, gia la darba s-socjeta' rikorrenti kellha l-opportunita' li tikkontesta l-istejjem ai termini tal-ligi pero' ghazlet li tibqa' siekta, ma tistax tikkontesta l-ammonti dovuti f'dan l-istadju meta l-esponenti ghandu f'idu titolu ezekuttiv rez ezegwibbli fil-konfront tas-socjeta' rikorrenti;

13. Illi minghajr ebda pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mis-socjeta' rikorrenti li t-talba ghall-hlas maghmula mill-esponenti hi intempestiva in kwantu s-socjeta' rikorrenti applikat ghat-thassir ta' imghax u penali amministrattiva, l-esponenti jeccepixxi li tali applikazzjoni ma tissospendix u m'ghandha l-ebda impatt jew effett fuq it-titolu ezekuttiv tal-esponenti jew l-ezekuzzjoni tal-istess. Illi ghalhekk, it-talba maghmula mill-esponenti mhix intempestiva u tista' tigi ezegwita';

14. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fi kwalunkwe kaz is-socjeta' rikorrenti hi ben konxja, in kwantu giet infurmata mill-esponenti, li mhix eligibbli ghar-remissjoni tal-penali u l-interessi in kwantu ghad hemm numru ta' denunzji li ghadhom ma gewx sottomessi da parte taghha;

15. Illi minghajr pregudizzju ghas-suespost, fir-rigward ta' dak allegat mis-socjeta' rikorrenti li l-penali amministrattivi dovuti lill-esponenti m'humiex ikkontemplati fil-ligi u li per konsegwenza l-esponenti ma jistax jivvanta titolu ezekuttiv fuq l-ammont intier minnu reklamat, l-esponenti jeccepixxi, bid-dovut rispett, li tali allegazzjoni mhix korretta u ghandha tigi respinta in kwantu l-penali amministrattiva tirrizulta dovuta ai termini tal-Artikolu 38 tal-Kap. 406. L-esponenti jerga' jtenni bir-rispett kollu li tali eccezzjoni hi minghajr pregudizzju ghall-eccezzjonijiet precedenti relattivi ghall-fatt li tali kwistjoni rigwardanti l-penali amministrattivi u jekk dawn humiex dovuti o meno taqa' fil-mansjoni esklussiva tat-Tribunal ta' Revizjoni Amministrattiva u mhux ta' din l-Onorabbli Qorti;

16. Illi ghalhekk, l-ammont indikat fl-ittra ufficjali in kwistjoni huwa dovut.

17. Illi ghalhekk it-talbiet kollha tas-socjeta' rikorrenti huma nfondati fil-fatt u fid-dritt u ghandhom jigu michuda, bl-ispejjez kontra l-istess socjeta' rikorrenti.

Rat l-atti kollha tal-kawża.

Rat is-sentenza parzjali dwar l-ewwel u t-tieni eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju mogħtija minn din il-Qorti diversament presjeduta fil-25 ta' Mejju 2017; kif ukoll id-digriet tal-20 ta' Lulju 2017 b'liema ġiet miċħuda t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi sabiex jappella mis-sentenza tal-25 ta' Mejju 2017.

Rat il-provi li tressqu.

Rat id-digriet tas-17 ta' Settembru 2019 fejn ġie degretat li f'dan l-istadju jeħtieġ jiġu deċiżi t-tielet u r-raba' eċċezzjoni peress li l-fondatezza o meno tagħha tiddetermina jekk il-kawża titkompliex tiġi trattata jew le.

Semgħet it-trattazzjoni tal-Avukati tal-partijiet dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni.

Rat illi l-kawża tħalliet għal-lum għas-sentenza limitatament dwar it-tielet u r-raba' eċċezzjoni imqanqla mill-Kummissarju tat-Taxxi.

Ikkunsidrat

Illi bit-tielet u r-raba' eċċezzjoni tiegħu l-Kummissarju tat-Taxxi qiegħed jisħaq li huwa għandu titolu eżekuttiv u huwa għalhekk proprju minħabba dan it-titolu li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza. Kif ġustament osservat mis-soċjetà rikorrenti, sabiex jiġi determinat li l-Kummissarju kiseb titolu eżekuttiv jeħtieġ li jiġi muri li saret notifika skont id-dettami tal-**Artikolu 59** tal-Kapitolu 406 (Att dwar it-Taxxa fuq il-Valur Miżjud). Dan l-artikolu jipprovdi hekk:

> "(1) Avviż maħruġ mill-Kummissarju li juri ammont ta' taxxa u penali amministrattiva dovuti minn persuna għandu jkun xiehda biżżejjed, kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, li l-ammont ikun dovut lill-Kummissarju minn dik il-persuna u għandu jikkostitwixxi titolu eżekuttiv fil-kuntest u għall-għanijiet tat-Titolu VII tat-Taqsima I tat-Tieni Ktieb tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili.
>
> (2) Il-Kummissarju jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas minn persuna skont dan l-Att bil-mezz ta' nota ta' talba għall-ħlas, u jekk il-ħlas mitlub ma jsirx fi żmien tletin jum mid-data meta dik in-nota ta' talba għall-ħlas tkun ġiet notifikata lil dik il-persuna, il-Kummissarju jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi fis-subartikolu (1) wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju. Meta jiskadi l-perjodu ta' jumejn imsemmi f'dan is-subartikolu, il-Kummissarju jkollu dritt li jirreġistra fir-reġistru pubbliku jew fir-reġistru tal-artijiet, skont il-każ, nota ta' privileġġ għall-ammont

mitlub fl-att ġudizzjarju u dik in-nota ta' privileġġ tista' tiġi reġistrata minn kull avukat jew nutar.

(3) Id-dispożizzjonijiet tal-artikolu 468 tal-Kodiċi ta' Organizzazzjoni u Proċedura Ċivili għandhom japplikaw dwar kull mandat maħruġ bis-saħħa tat-titolu eżekuttiv imsemmi f'dan l-artikolu u għall-iżbank ta' kull flus li jinġabru mill-bejgħ fl-irkant tal-proprjetà maqbuda, u ebda oppożizzjoni jew riżerva fiċ-ċedola ta' depożitu ma għandha twaqqaf il-ħlas ta' xi somma li tkun depożitata fil-qorti wara li jkun sar dak il-mandat kif imsemmi qabel."

Qabel ma tiġi determinata l-proċedura tan-notifika, jeħtieġ jiġi ppreċiżat liema huma dawk id-dokumenti li bihom kellha tiġi notifikata s-soċjetà rikorrenti. L-Artikolu 59 (2) sintetikament jistabbilixxi s-segwenti:

a. Illi l-Kummissarju *de quo* jista' jitlob il-ħlas ta' kull taxxa u/jew penali amministrattiva dovuta skont il-liġi;
b. Illi dan jista' **jagħmlu permezz ta' nota ta' talba għall-ħlas**; u
c. Illi jekk il-ħlas dovut ma jsirx fi żmien tletin (30) jum mid-data tan-notifika, il-Kummissarju tat-Taxxi jista' jgħaddi biex jiġbor dak il-ħlas bis-saħħa ta' titolu eżekuttiv wara jumejn minn notifika lil dik il-persuna ta' **talba għall-ħlas li ssir permezz ta' att ġudizzjarju**.

Is-soċjetà rikorrenti tilmenta fir-rikors promotur li l-Kummissarju tat-Taxxi naqas milli jsegwi d-dispożizzjonijiet tal-Kapitolu 406 fis-sens illi hija qatt ma ġiet notifikata bid-dokumenti relevanti.

Is-soċjetà rikorrenti resqet bħala xhud lil **Clayton Tabone** li huwa **Spettur tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud**. Però minn din ix-xhieda irriżulta li fit-30 ta' Settembru 2014 inħarġet talba għall-ħlas flimkien ma' stima lil Bay Investment Limited, lil Francis Grima u lil Jason Pace, dawn ta' l-aħħar bħala d-Diretturi tas-soċjetà rikorrenti. Irriżulta wkoll li l-Kummissarju intimat bagħat it-talba għal ħlas flimkien mal-istima permezz ta' posta reġistrata. Mid-dokumenti ppreżentati mill-istess xhud jidher li n-notifika

permezz tal-posta reġistrata kienet waħda negattiva u kien għalhekk li dawn ġew irritornati lid-Dipartiment tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud[1]. In-notifika tad-dokumenti imbagħad saret minn żewġ spetturi tal-istess dipartiment. Mill-atti jidher li filwaqt li s-soċjetà rikorrenti ġiet notifikata fit-28 ta' Novembru 2014[2], id-Diretturi ġew notifikati fis-26 ta Novembru 2014[3]. Għal kull notifika ġew ippreżentati wkoll ir-ritratti relevanti.

Din il-proċedura ta' notifika segwiet dak li huwa stabbilit fl-**Artikolu 73 (2) tal-Kapitolu 406:**

> "Kull avviż li huwa meħtieġ li jingħata mill-Kummissarju jew minn xi persuna oħra taħt dan l-Att jista' jiġi notifikat lill-persuna sew personalment sew billi jintbagħat bil-posta. Kemm-il darba ma tinġiebx prova kuntrarja, notifika ta' avviż mibgħut bil-posta tkun ippruvata permezz ta' evidenza li dak l-avviż kien ġie indirizzat u impostat sew u għandu jitqies li jkun ġie notifikat, fil-każ ta' indirizz f'Malta mhux iktar tard mit-tielet jum li jiġi wara l-jum meta dan ikun ġie impostat, u fil-każ ta' indirizz barra minn Malta fil-jum li jiġi wara dak il-jum meta l-avviż kien jiġi riċevut fil-kors ordinarju tal-posta [...]"

Fir-rigward tal-interpretazzjoni mogħtija lis-subartiklu indikat fil-paragrafu preċedenti, ssir riferenza għas-sentenza tat-**Tribunal ta' Reviżjoni Amministrattiva fl-ismijiet XXX vs. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (Rik. Nru 88/2012), datata s-16 ta' Jannar 2014, fejn ġie ritenut is-segwenti:

> "Kif osservat mill-**Qorti ta' l-Appell (Sede Inferjuri)** fis-sentenza fl-ismijiet **W & M Zammit Tabona *Limited* v. Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Mizjud, Appell Nru. 14/08** deciza fis-27 ta' Novembru, 2009*, huwa dezumibbli minn qari attent ta' din id-disposizzjoni illi l-mira generali intiza li tintlahaq hi dik li l-avviz jigi notifikat lill-persuna, fizika*

[1] Paġni 76, 88, 99, u 112 tal-proċess.
[2] Paġna 113 tal-proċess.
[3] Paġna 77, 89 u 100 tal-proċess.

*jew legali, li lilha ghandu jkun notifikat. Isegwi minn dan illi l-ligi qed tippresupponi illi l-procediment tan-notifika jirrealizza ruhu bil-konsenja ta' l-att ta' l-avviz. Biex jintlahaq dan l-iskop l-artikolu in ezami jikkontempla zewg modi ta' notifika: dik personali u dik bil-mezz postali. Huwa indikattiv, fuq l-interpretazzjoni tal-Qorti, illi l-ligi ma qeghda timponi ebda obbligu li l-mittenti ghandu jikkonsegwi bilfors xi gerarkija preferenzjali, u dan hu allura liberu li jadotta dak il-mezz li jidhirlu xieraq minn fost iz-zewg modi specifikati. Naturalment, fil-kaz li jintghazel il-mezz postali, id-disposizzjoni tesigi li l-avviz ikun indirizzat u impostat sew ghax inkella, il-konsegwenza tkun li ma tiskattax il-presunzjoni tan-notifika. Maghmula din il-prova, cirkostanzjali jew indizzjarja, 'hemm ilpresumptio hominis vel facti, importanti ghall-Qorti, li proof of postage is proof of delivery*"

In linea ma' dan l-insenjament għandu jirrizulta paċifiku li ġaladarba kemm is-soċjetà rikorrenti kif ukoll id-Diretturi tal-istess soċjetà ġew notifikati bin-nota ta' talba ta' ħlas kif ukoll l-istima u din saret skont il-liġi billi tħalliet fl-indirizz indikat, allura tali konsenja għandha titqies li kienet waħda valida. Is-soċjetà rikorrenti ġiet notifikata bl-att ġudizzjarju, ċioe bl-ittra uffiċjali, u dan kif ammess mis-soċjetà stess fir-rikors promotur.

Kien jispetta lis-soċjetà li jġib prova kuntrarja għax-xhieda ta' notifika, iżda mhux talli qatt ma ngabet din il-prova, talli din il-Qorti tosserva wkoll li fit-trattazzjoni dwar iż-żewġ eċċezzjonijiet in eżami, il-legali tas-soċjetà rikorrenti għamlet is-segwenti sottomissjoni: "[...] sa fejn jirrigwarda n-notifika u n-notifika tal-atti differenti mill-Kummissarju, kollox jista' jsir u kollox sar fil-fatt regolarment"[4]. Jidher għalhekk li l-kwistjoni ta' notifika m'għadhiex ta' tħassib għas-soċjetà rikorrenti.

Sorvolata l-kwistjoni tan-notifika, din il-Qorti sejra tgħaddi sabiex tqies jekk għandhiex kompetenza tiddeċiedi fuq it-talbiet tas-soċjetà rikorrenti.

[4] Paġna 164 tal-proċess.

Ikkunsidrat

Is-soċjetà rikorrenti qiegħda titlob lil din il-Qorti "tiddikjara illi t-talba tal-Kummissarju tat-Taxxi kif dedotta fl-ittra uffiċjali tieghu tal-4 ta' Dicembru 2015 hija totalment infondata fil-fatt u fid-dritt, u sabiex, konsegwentement, tirrevoka t-titolu ezekuttiv vantat mill-istess Kummissarju tat-Taxxi fil-konfront tal-kumpannija esponenti". Sabiex din it-talba tinftiehem aħjar, din il-Qorti jeħtiġilha tara l-premessi stante li huma dawn li jispjegaw aħjar l-azzjoni u t-talba tar-rikorrenti.

Oltre l-premessa li l-Kummissarju intimat ma għandux titolu eżekuttiv għaliex ma saritx in-notifika tad-dokumenti mil-liġi, ir-rimanenti premessi tas-soċjetà rikorrenti kollha jippruvaw jimminaw l-ammont ta' taxxa li huwa allegatament dovut mill-istess soċjetà. Din il-Qorti ma taqbel xejn mas-sottomissjoni tas-soċjetà rikorrenti li din il-Qorti hija kompetenti għaliex "l-aggravju huwa limitat għal penali u potenzjalment tal-imgħaxijiet [...]"[5]. L-Artikolu 59 suċċitat jiddetta proċedura li għandha tiġi segwieta meta l-persuna li kontriha ħarġet nota ta' talba għall-ħlas ma tkunx taqbel ma' dik it-talba. Il-liġi ma tirreferix biss għat-taxxa iżda tinkludi wkoll penali amministrattivi[6] propju dak li s-soċjetà rikorrenti qiegħda tikkontesta. Inoltre l-**Artikolu 43** tal-Kapitolu 406 jipprovdi li "Kull persuna li tħoss ruħha aġġravata bi stima li tiġi notifikata lilha tista' tagħmel appell kontra dik l-istima lit-Tribunal" u ċioe it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva.

Waqt it-trattazzjoni orali l-legali tas-soċjetà rikorrenti għamlet referenza għas-sentenza mogħtija mill-Qorti Ċivili Prim'Awla (Ġurisdizzjoni Kostituzzjonali) fl-ismijiet **Angelo Zahra vs. L-Avukat Ġenerali et** (Rik. Nru 68/2017 MCH) deċiża fil-25 ta' Ġunju 2018. Din il-Qorti apparti li tqis li n-natura tal-azzjoni hija kompletament differenti minn dik odjerna,tqis tali sentenza bħala waħda irrelevanti għal odjern..

[5] Paġna 164 tal-proċess.
[6] "kull taxxa u penali amministrattiva li għandha titħallas".

Ta' relevanza però hija s-sentenza tal-Qorti tal-Appell (sede Superjuri) fl-ismijiet **Joseph Mary Farrell vs. Il-Kummissarju tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (App. Ċiv. Nru 156/2010) deċiża fl-24 ta Ġunju 2011 fejn ingħad li

> Din il-Qorti, fil-kuntest ta' talba ghat-thassir ta' titolu ezekuttiv ottenut mill-Kummissarju tat-Taxxi Interni, f'kuntest simili ghal dan il-kaz, u fejn ir-rikorrent ried jikkontesta dak it-titolu fuq il-kawzali li "l-ammont ma huwiex korrett u ma hux dovut mir-rikorrenti" (kawzali kwazi identika ghal dik li ressaq ir-rikorrenti odjern bhala l-bazi tal-azzjoni tieghu), fil-kawza **Gatt v. Kummissarju tat-Taxxi Interni**, deciza fit-28 ta' Mejju, 2010, kienet osservat illi la darba ir-rikorrent kellu kull opportunita`, fit-termini impost mil-ligi, li jikkontesta dawn l-istimi, izda naqas li jaghmel dan, ma setax aktar jikkontesta l-meritu ta' dawk l-istimi. Kompliet tghid din il-Qorti:
>
> [...]
>
> F'dan il-kaz, lanqas biss gie tentat rikors lill-Bord aktar qabel imsemmi, bord dan, wara kollox, appozitament krejat, b'kompetenza specjali biex jistharreg u jepura kwistjonijiet ta' natura teknika u fiskali, u biex jaghmel apprezzament gust taghhom fid-dawl tad-disposizzjonijiet tal-ligi applikabbli ghalihom. Jekk hass li r-rimedju li taghti l-ligi ma kienx effettiv, kellu, <u>fil-mument opportun</u>, l-ewwel joggezzjona ghall-istimi kif trid il-ligi, u fl-istess hin, iressaq l-ilmenti tieghu quddiem il-Qorti kompetenti."

Referenza ssir ukoll għas-sentenza ta' din il-Qorti diversament preseduta fl-ismijiet **Ian Pace et vs. Direttur Generali tat-Taxxa fuq il-Valur Miżjud** (Ċit Nru 78/2011 MCH) mogħtija fil-25 ta' Ġunju 2013:

> "Jibda biex jinghad illi kull talba maghmula mir-rikorrenti sabiex din il-Qorti tiddikjara li r-returns tal-VAT maghmula mis-socjeta rikorrenti kienu korretti u kwindi tiddikjara li l-ammont pretiz mill-intimat mhux dovut mhux kompitu ta' din il-Qorti u lanqas ghandha gurisdizzjoni

tikkonsidrahom ghax hemm il-proceduri appoziti skond il-Kapitolu 406 biex dan isir fis-sede u bil-proceduri opportuni."

Din il-Qorti tqis illi l-kontestazzjoni ta' valutazzjoni tat-taxxa kellha ssir quddiem it-Tribunal tar-Reviżjoni Amministrattiva[7] u li mhux ta' kompetenza ta' din il-Qorti it-talba tas-soċjeta' rikorrenti li tikkontesta l-ammont ta' taxxa li l-Kummissarju tat-Taxxi qed jitlob mingħand l-istess soċjeta' rikorrenti.

**Decide**

Għal dawn il-motivi l-Qorti qed taqta' u tiddeċiedi din il-kawża billi

1. Tilqa' it-tielet u r-raba' eċċezzjoni tal-intimat Kummissarju stante li din il-Qorti m'għandhiex kompetenza tindaga dwar l-ammont ta' taxxa dovut mis-soċjetà rikorrenti lill-intimat Kummissarju;

2. Tiċħad ir-rikors tas-soċjetà rikorrenti

Spejjeż a kariku tas-soċjeta' rikorrenti.

**Moqrija.**

**Onor. Robert G. Mangion**
**Imħallef**

**Lydia Ellul**
**Deputat Reġistratur**

[7] Artikolu 43 tal-Kapitolu 406.